31993L0023

21.6.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 149/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/23/KEE
ta' l-1 ta' Ġunju 1993
dwar stħarriġ ta' statistika li trid tkun imwettqa dwar il-produzzjoni tal-majjal

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi id-Direttiva tal-Kunsill 76/630/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1976 li tikkonċerna stħarriġ tal-produzzjoni tal-majjal magħmul mill-Istati Membri ([3]) kienet ġiet emendata diversi drabi; u billi, aktar emendi huma meħtieġa, id-dispożizzjonijiet ta' din, għandhom, għal raġunijiet ta' ċarezza, jkunu mibdula;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet għal dawk l-Istati Membri li l-popolazzjoni ta' majjali tiġbor fiha biss persentaġġ żgħir tal-popolazzjoni sħiħa tal-Komunità biex fejn meħtieġ jiġi mnaqqas in-numru ta' stħarriġ li jsiru kull sena;

Billi, sabiex ikun żgurat illi l-politika agrikola komuni hija amministrata b'mod tajjeb, b'mod partikolari fejn is-suq tal-laħam tal-majjal hu kkonċernat, il-Kummissjoni jeħtieġilha data regolari dwar xejriet fil-bhejjem u fil-produzzjoni tal-laħam tal-majjal;

Billi l-ġbir u l-ipproċessar tad-data kif ukoll l-organizzazzjoni tal-istħarriġ fuq livell nazzjonali għandu jkompli jsir fi ħdan il-kompetenza tas-servizzi dwar l-istatistika ta' l-Istati Membri, u l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' l-ġbir ta' l-istatistika fuq livell Ewropew u taħseb għall-metodoloġiji armonizzati meħtieġa biex timplimenta l-politika tal-Komunità;

Billi, sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, kooperazzjoni mill-qrib hija meħtieġa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u din għandha tkun effettwata b'mod partikolari permezz tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola mwaqqaf fid-Deċiżjoni 72/279/KEE ([4]),

ĠIET ADOTTATA DIN ID-DIRETTIVA:

SEZZJONI 1

STĦARRIĠ TAL-POPOLAZZJONI

A. Fuq livell nazzjonali

Frekwenza - Qasam ta' l-istħarriġ

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ ta' statistika tal-popolazzjoni tal-majjali fuq it-territorju tagħhom kull sena b'referenza għal waħda mill-ewwel ġranet t'April, ta' Awissu u ta' Diċembru.

2. L-Istati Membri jistgħu, fuq talba tagħhom, ikunu awtoriżżati biex iwettqu l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu f'reġjuni magħżula, bil-kundizzjoni illi dawn l-istħarriġ jkopru mill-anqas 70 % tal-popolazzjoni tal-majjali.

Dawk l-Istati Membri illi l-popolazzjoni tagħhom ta' majjali hija anqas minn 3 miljuni għal kull ras jistgħu jiġu eżentati milli jsiru l-istħarriġ ta' April u ta' Awissu.

L-Istati Membri jistgħu, fuq talba tagħhom, ikunu awtoriżżati biex jużaw sorsi amministrattivi minflok stħarriġ ta' statistika taħt paragrafu 1.

3. Meta jkunu meqjusa t-talbiet li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

Artikolu 2

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu 'majjal' ifisser annimali domestiċi ta' l-ispeċi Sus.

([1]) ĠU C 18, tat-23.1.1993, p. 12.
([2]) ĠU C 115, tas-26.4.1993.
([3]) ĠU L 223, tas-16.8.1976, p. 4. Direttiva l-aħħar emendata b'Regolament (KEE) Nru 1057/91 (ĠU L 107, tas-27.4.1991, p. 11).
([4]) ĠU L 179, tas-7.8.1972, p. 1.

2. L-istħarriġ li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1 għandhom ikopru l-majjali kollha miżmuma f'artijiet agrikoli kif hu definit skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17. L-istħarriġ għandhom ikopru artijiet biżżejjed fejn hemm għal ta' l-anqas 95 % tal-popolazzjoni ta' majjali kif hu determinat fl-aħħar stħarriġ dwar l-istruttura ta' artijiet agrikoli.

3. Sa kemm hu possibbli, l-Istati Membri għandhom jissupplixxu ir-riżultati tal-istħarriġ ipprovduti għalihom fil-paragrafu 2 bi stima tal-popolazzjoni ta' majjali mhux koperti bl-imsemmija stħarriġ.

Analiżi skond il-kategorija

Artikolu 3

1. L-istħarriġ kif għalihom hu pprovdut fl-Artikolu 1 għandhom ikunu mmexxija b'tali mod sabiex jipprovdu analiżi tal-popolazzjoni tal-majjali ta' lanqas f'dawn il-kategoriji li ġejjin:

A. majjali żgħar ħajjin b'piż ta' anqas minn 20 kg;

B. majjali ħajjin b'piż ta' 20 kg jew aktar iżda anqas minn 50 kg;

Ċ. majjali tas-simna, li jinkludu ħnieżer selvaġġi maqtula u qżieqeż ħajjin maqtula b'piż:

(a) ta' 50 kg jew aktar iżda anqas minn 80 kg;

(b) ta' 80 kg jew aktar iżda anqas minn 110 kg;

(ċ) ta' 110 kg jew aktar;

D. majjali tat-trobbija ħajjin b'piż ta' 50 kg jew aktar;

(a) ħnieżer selvaġġi;

(b) qżieqeż ħajjin inxurjati; li minnhom

(b1) qżieqeż inxurjati għall-ewwel darba;

(ċ) qżieqeż oħrajn, li minnhom:

(ċ1) ħnieżer żgħar li għadhom mhux inxurjati.

2. Il-kategoriji li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu mmodifikati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

3. Il-kategoriji għandhom ikunu definiti skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

Akkurezza

Artikolu 4

1. L-istħarriġ li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1 għandhom jiġu mmexxija f'forma ta' stħarriġ eżewrjenti jew kampjuni rappreżentattivi.

2. Għal kull Stat Membru, żbalji ta' kampjuni għar-riżultati tal-istħarriġ għalihom ipprovdut fl-Artikolu 2(2) m'għandhomx jeċċedu 2 % (intervall ta' konfidenza ta' 68 %) tan-numru totali ta' majjali.

3. Flimkien ma' l-istruttura tal-kampjun u l-estimi supplimentari li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 2(3), l-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri kollha li huma jħossu meħtieġa biex iżommu l-kwalità tar-riżultati tal-istħarriġ.

Żmien li fih għandha tintemm it-trasmissjoni

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bir-riżultati proviżorji tal-istħarriġ u l-estimi supplimentari qabel:

— il-15 ta' Ġunju ta' l-istess sena għall-istħarriġ ta' April,

— il-15 ta'Ottubru ta' l-istess sena għall-istħarriġ ta' Awissu,

— il-15 ta' Frar tas-sena li tiġi wara għall-istħarriġ ta' Diċembru.

2. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-istħarriġ u l-estimi supplimentari, kif stipulat fl-Artikolu 4(2), qabel:

— l-1 ta' Awissu ta' l-istess sena għll-istħarriġ ta' April,

— l-1 ta' Diċembru ta' l-istess sena għall-istħarriġ ta' Awissu,

— l-1 ta' April tas-sena li tiġi wara għall-istħarriġ ta' Diċembru.

B. Fuq livell reġjonali

Sotto-diviżjonijiet territorjali

Artikolu 6

1. Ir-riżultati finali tal-istħarriġ ta' Diċembru għandhom ikunu ikkompilati għal kull sotto-diviżjoni territorjali kif definit skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

2. Skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni tistà tapprova applikazzjoni minn Stat Membru biex juża l-analiżi reġjonali li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 1 għar-riżultati finali tal-istħarriġ ta' April jew ta' Awissu.

3. Is-sotto-diviżjonijiet territorjali li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

Żmien li fih għandha tintemm it-trasmissjoni

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar id-data li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 6 qabel il-15 ta' Mejju tas-sena li tiġi wara x-xahar ta' referenza.

Ċ. Analiżi skond id-daqs tal-merħla

Klassijiet ta' daqs

Artikolu 8

1. Fi snin b'numri bil-fard, l-Istati Membri għandhom, fuq livell nazzjonali, iqassmu r-riżultati finali tal-istħarriġ ta' Diċembru fi klassijiet ta' daqs kif definit skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

2. Skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni tistà tapprova applikazzjoni minn Stat Membru biex juża l-analiżi fi klassijiet ta' daqs li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 1 għar-riżultati finali ta' snin b'numri biż-żewġ u/jew għal dawk ta' xahar speċifiku tas-sena.

3. Il-klassijiet ta' daqs li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

Żmien li fih għandha tintemm it-trasmissjoni

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni id-data li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 8 qabel il-15 ta' Mejju tas-sena li tiġi wara x-xahar ta' referenza.

SEZZJONI II

STATISTIĊI TA' QTIL T'ANNIMALI

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu statistiċi ta' kull xahar li jirrelataw għan-numru u piż ta' karkassi ta' majjali maqtula fil-biċċeriji fuq it-territorju tagħhom, li l-laħam tagħhom hu tajjeb għall-konsum uman.

Jekk meħtieġ, huma għandhom jissupplixxu estimi t'annimali maqtula li mhux inklużi fid-dikjarazzjonjiet, biex b'hekk li l-istatistiċi jinkludu l-majjali kollha maqtula fuq it-territorju tagħhom.

2. L-istatistiċi li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kompilati għall-kategoriji li ġejjin:

A. majjali, total:

3. Il-piż tal-karkass li għalih hemm referenza fil-paragrafu 1 u l-kategorija li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 2 għandu jkun definit, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

Żmien li fih għandha tintemm it-trasmissjoni

Artikolu 11

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' statistiċi li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 10(1) matul ix-xahrejn li jiġu wara x-xahar ta' referenza.

SEZZJONI III

TBASSIR TA' PRODUZZJONI

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżultati tal-istħarriġ u tagħrif ieħor disponibbli biex jipproduċu tbassir, għal kull kwart ta' sena kalendarja, tal-proviżta tagħhom ta' majjali.

Din il-proviżta għandha tkun espressa bħala l-produzzjoni lokali gross li għandha tinkludi l-majjali kollha maqtula biż-żieda tal-bilanċ ta' negozju intra-Komunitarju u estern f'majjali ħajjin.

2. It-tbassir li għalih hemm referenza fil-paragrafu 1 għandu jkun magħmul għall-kategorija li ġejja:

A. majjali, total.

3. Id-definizzjoni ta' 'proviżta' li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 1 tista' tiġi emendata skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

Żmien li fih għandha tintemm it-trasmissjoni

Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jgħaddu it-tbassir li għalih hemm referenza fl-Artikolu 12(1) lill-Kummissjoni f'dawn iż-żminijiet li ġejjin u għall-perjodi li ġejjin ta' tliet xhur:

(a) qabel il-15 ta' Frar għal tbassir sa t-tielet kwart tas-sena kurrenti (inklussiv);

(b) qabel il-15 ta' Ġunju għal tbassir sa l-ewwel kwart tas-sena ta' wara (inklussiv);

(ċ) qabel il-15 t'Ottubru għal tbassir sa t-tieni kwart tas-sena ta' wara.

SEZZJONI IV

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 14

L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni id-data li għaliha hemm referenza fl-Artikoli 5, 7, 9, 11, u 13 b'konformità ma' Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trasmissjoni tad-data suġġetta għall-konfidenza tal-istatistika ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

Artikolu 15

Il-Kummissjoni għandha teżamina, b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri:

(a) ir-riżultati pprovduti;

(b) il-problemi tekniċi li jqumu, b'mod partikolari waqt it-tħejjija u t-twettiq tal-istħarriġ u tbassir;

(ċ) il-kredibilità tar-riżultati tal-istħarriġ u tal-estimi.

Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil metodoloġiku jew tibdil ieħor li jkun ser jaffettwa b'mod konsiderabbli l-istatistiċi. Dan għandu jsir mhux aktar tard minn tliet xhur wara li t-tibdil in kwestjoni jidħol fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra b'kull komunikazzjoni bħal din lill-partijiet konċernati.

Artikolu 17

1. Fejn il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-president tal-Kumitat Permanenti dwar Statistiċi Agrikoli (aktar 'l quddiem referit bħala l-'kumitat') għandu jirreferi l-materja tal-kumitat, jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi żmien limitat li l-president jistà jiddetermina skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tkun mgħoddija b'maġġoranza ta' 54 vot, bl-influwenza tal-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri tkun kunsidrata bil-mod kif stipolat fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president ma jistax jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri pprezentati jekk ikunu skond l-opinjoni tal-kumitat.

(b) Jekk il-miżuri pprezentati ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma tiġi mgħoddija, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta li għandha x'taqsam mal-miżuri li jkunu jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, sat-tmiem tat-tliet xhur mid-data ta' referenza għall-Kunsill, il-Kunsill ma jaġixxix, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 18

1. Id-Direttiva 76/630/KEE għandha tkun irtirata sa mill-1 ta' Jannar 1994.

2. Kull referenza magħmula għad-Direttiva rtirata għandha tkun interpretata bħala li qed tirreferi għal din id-Direttiva.

Artikolu 19

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu jaqblu ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1994.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċċjali tagħhom. Il-metodi li jagħmlu referenza bħal din għandhom ikunu stipulati mill-Istati Membri.

Artikolu 20

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kunsill

J. ANDERSEN

Il-President

([1]) ĠU L 151, tal-15.6.1990, p. 1.